MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 334/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs
Carmel Facciol (ID-667859M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 t'April, 2006, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm288.08), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2163 2268 u 2182 2649 skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A, B, C u D annessi mal-avviz.**
**Illi l-konvenut giet interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2006 il-konvenut ammetta li l-ammont hu dovut, pero` ghandu jigborhom minghand terzi.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm288.08) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-19 t'April, 2006, u bl-ispejjez kontra l-konvenut, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut kontra terzi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------